# X'KITBULNA

Lill-Monsinjur Dun Karm Psaila

Għażiż Dun Karm,

Malli qrajt is-sunett tiegħek fuq Dun Mikiel Xerri f'*Leħen il-Malti* (Nru. 24 faċċ. 3), ħassejt x'iġegħilni niktiblek. Għalfejn? L-ewwelnett biex nifraħilek tal-qawwa li biha għaraft issawwar dawn il-vrus tiegħek, qawwa li donnha ħierġa minn qalb Dun Mikiel ieħor. Ħennejtni w għaxxaqtni. Jekk wara dawk l-erbatax-il-vers baqa' wieħed biss f'Malta li għandu l-wiċċ imaqdar iżjed il-Lsien Malti, ingħid li aħna tassew inqlibna. Imma jaħasra tabilħaqq, minn fejn ġejja din il-marda kiefra li jridu jċekknu dak li hu tagħhom? Emminni, ma niflaħx iżjed għal dan. Meta nisma' bit-taħtit ta' lsienna, nħoss bħal sejf dieħel f'qalbi, fil-kewna (1) ta' ruħi. Għalija l-lsien malti huwa l-mirfed ta' ħajti. Mingħajru nħossni ħajj mejjet. Pћu għalihom, kemm huma ġiefja ma' ommhom dawk li jmaqdru 'l lsienhom! Imma ħallina minn dan. Agħdirni jekk ħriġt barra mit-triq.

It-tieni nižžikħajr, u fl-istess waqt nižžiħajr lis-Sema, talġid li sa tagħmel b'dan is-sunett tiegħek. Smajt li xi wħud miż-żgħażagħ ta' Ħaż-Żebbuġ qegħdin iqumu fuq tagħhom. Iridu jaraw kif jagħmlu biex ipattu għan-nuqqas tal-imweldin qabilhom. Il-ħsieb tagħhom huwa li jitwaqqaf mafkar (2) f'nofs il-misraħ tar-raħal għall-kbir pajżan tagħhom. X'ħaġa sabiħa tkun jekk jinħadem minn żebbuġi ieħor li qiegħed jagħmel ġieħ lil pajjiżu fost il-ġnus ta' barra! Ah! j'Alla din il-ħeġġa ma tonqosx u tintefa fix-xejn! Hemm ukoll min irid li għalanqas, għalissa, titwaħħal irħama fil-madħal tal-Każin San Filep bis-sunett tiegħek, minqux fuqha. Meta l-mafkar, li qegħdin isemmu, ikun imwaqqaf, inbagħad iwaħħlu rħama oħra b'sunett ieħor li jittamaw inti tikteb għal dik il-ħabta. Sewwa wisq. Mela fl-aħħar qegħdin iqumu. Aħjar imwaħħar inkella qatt.

Wara kollox ħallini nagħfaslek idek, fil-waqt li nixtieqlek għomor twil, daqs dak ta' Abraham, għas-sebħ ta' art twelidna u għall-ġieħ tal-imsejken ilsienna, li jiena nħobbu w ingħożżu fuq ħajti nfisha.

Il-qaddej tiegħek

SILVJU

(1) *Kewna* ġejja mill-verb *kien*, tfisser l-*essri* ta' xi ħaġa.

(2) *Mafkar* mill-verb *fakkar*, tfisser *monument*, *ħaġa li tfakkar*.